C/2024/3030

30.4.2024

Avviż għall-attenzjoni ta' ċerti persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1532 u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/1529 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-appoġġ militari tal-Iran għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna

(C/2024/3030)

L-informazzjoni li ġejja qed tingħieb għall-attenzjoni ta' Hadi ZAHOURIAN (Nru 1), Mohammad Shahab KHANIAN (Nru 2), Ehsan Rahat VARNOSFADRANI (Nru 3), persuni li jidhru fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1532 ([1]) u fl-Anness III tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/1529 ([2]) dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-appoġġ militari tal-Iran għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

Il-Kunsill biħsiebu jżomm il-miżuri restrittivi kontra l-persuni msemmija hawn fuq b'dikjarazzjonijiet tar-raġunijiet emendati.

Dawk il-persuni huma b'dan infurmati li jistgħu jippreżentaw talba lill-Kunsill biex jiksbu d-dikjarazzjonijiet tar-raġunijiet previsti, **qabel is-7 ta' Mejju 2024**, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
General Secretariat
RELEX.1 Global and Horizontal Affairs
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
posta elettronika: sanctions@consilium.europa.eu

Ser jittieħed kont ta' kwalunkwe osservazzjoni li tasal **qabel il-21 ta' Mejju 2024** għall-fini tar-rieżami perjodiku tal-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2023/1532/PESK u l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) Nru 2023/1529.

([1]) ĠU L 186, 25.7.2023, p. 20.
([2]) ĠU L 186, 25.7.2023, p. 1.